MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 818/1998/1

**Derek Cold Stores Ltd u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2001 il-kliem Derek Cold Stores Ltd gew mibdula ghal "DERECO STORES LIMITED"**

**Vs**

**Altstad Taverne Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm886.81 (tmien mija u sitta u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu) rappresentanti ammont lilha dovut ghall-laham u frozen foods lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjati gewwa l-Altstad Restaurant, Paceville.

Bl-ispejjes tal-avviz, tal-ittra ufficajli tas-16 ta' Marzu 1998, u bl-imghax legali mis-17 ta' Marzu 1997, data tal-ahhar

konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 14 tal-atti kif ukoll in-nota tal-istess socjeta attrici li biha irriduciet is-sorte ghal Lm115.14,0 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 21 ibid) u li biha eccepiet:

1. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta attrici mhux dovut stante pagament ghas-saldu tas-socjeta konvenuta.

2. Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Emanuel Schembri (fol 29 u fol 37 et seq ibid), spjega, bhala direttur tas-socjeta attrici, illi din kienet ikkonsenjat il-merkanzija imsemmija fl-avviz, 'before 1997' u in rigward l-istess oggetti, fl-17 ta' Marzu 1997, l-ammont specifikat fl-istess avviz ossija Lm886.81 kien dovut. Eventwalment, kienu saru pagamenti kif spejgat fir-rendikont a fol 33 tal-atti sakemm thallset is-somma kollha imsemmija fl-avviz bl-ahhar pagament jsir fil-15 ta' Ottubru 1998. Dwar l-istess pagament, x-xhud specifika li gie segwit dak stipulat fil-Kodici Civili in rigward "Appropriation of payments" (ara l-artikoli 1168 sa 1172) waqt li semma ukoll li s-socjeta attrici kienet qed tirrinunzja ghal kul imghax skadut u dovut qabel l-17 ta' Marzu 1997. Ghandu jigi notat, pero' illi kif jidher mill-imsemmi rendikont waqt li kienu qed jsiru pagamenti (ara kolonna taht 'payments') kien qed jigi kalkolat l-imghax (ara l-kolonna that 'interest') minghajr, pero', ma jizdied l-istess imghax mal-ammont dovut (ara l-kolonna taht "capital") u kull pagament kien qed jigi approprjat lejn il-pagmaent tal-kapital.

Illi ta’ minn jinnota li f’kaz bhal dan trattasi ta’ transazzjoni kummercjali, l-imghax kien qed jibda’ jiddekorri mid-data tal-konsenja tal-istess merkanzija (ara l-artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk l-ammont ta’ Lm115.05,0 ghadu dovut sallum bhala imghax skadut mit-18 ta’ Marzu 1997 sal-15 ta’ Ottubru 1998 waqt li s-sorte gie sodisfatt. Dwar dan ta’ min isemmi li Vincent Muscat (fol 40 u fol 41 ibid) f’isem is-socjeta konvenuta kien xehed li l-istess ammont kien thallas, permezz ta’ erba’ ‘cheques post-dated’ in full and final settlement’. Pero dwar dan il-punt, avolja kien obbliga ruhu f’dan is-sens, ma gewx esebiti minnu l-ircevuti relattivi.

Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti kif hawn fuq gie premess.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte involuta f’dan il-kaz, tilqa’ t-talba attrici in rigward l-imghax mitlub fl-istess avviz u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta‘ Lm115.05,0 bl-imghax legali ulterjuri fuq dan l-ammont mis-16 ta‘ Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Marzu 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------